Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2258/2003

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Rosso esercenti l-kummerc taht l-isem Sealink Glassfibre Centre abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi,**
**u l-istess Joseph Rosso esercenti l-kummerc taht l-isem Sealink Glassfibre Centre**

**Vs**

**James Bason u b'digriet tat-Tribunal tas-27 ta' Frar, 2004**
**gie kjamat in kawza Joseph Delia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm823.75c) rapprezentanti danni subiti b’rizultat ta’ kollizjoni li sehhet fil-5 ta’ Mejju, 2003 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura Mazda 323F bin-numru ta’ registrazzjoni ABH 939 u baqa’ diehel gol-vetrina tal-hanut ta’ l-attur u b’hekk ikkawza danni fl-istess.

Ra r-Risposta ta’ James Bason li wiegeb illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tieghu izda tort ta’ terza persuna, cjoe’ Joseph Delia li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAB 936.

Ra d-digriet li bih gie msejjah fil-kawza Joseph Delia li wara li gie notifikat wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu stante li ma kienx involut fl-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza u ghalhekk talab li jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Sema’ x-xhieda ta’ Mary Anastasi, Natasha Vella Rosso, James Bason, PS 16 Martin Cordina u Jonathan Bugeja.

Ra d-digriet tal-1 t’April, 2004 li bih it-Tribunal ordna li l-oneru tal-provi tar-responsabbilta’ jigi nvers u li fis-seduta tas-17 ta’ Mejju, 2005 dehru biss l-avukati difensuri ta’ l-atturi u tal-konvenut James Bason. Il-kjamat in kawza Joseph Delia u l-avukat tieghu ma dehrux u ghalhekk il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Lennart Depasquale ghall-atturi u ta’ Dr Michael Zammit Maempel ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta’ l-incident il-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Msida, Gzira man-naha ta’ Paul & Rocco meta f’daqqa wahda hariglu vann Transit minn St George’s Road li njora l-i*stop sign*. Il-konvenut isswervja biex ma jolqotx dan il-vann u

minflok baqa' diehel gol-hanut ta' l-attur li jismu Sealink Marine Centre. Bason semma' li l-vettura in kwistjoni kienet Transit AAB 936 u minn ezami tar-records koncernati jirrizulta li din kienet irregistrata fuq Joseph Delia li joqghod 240, Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, s-Siggiewi u ghalhekk, in mankanza ta' provi ohra bil-kontra huwa meqjus li l-vettura msemmija kienet qieghda tinstaq jew kienet taht il-kontroll tieghu.

Natasha Vella Rosso li kienet gewwa l-hanut dakinhar ta' l-incident qalet illi ma ratx vann Transit hiereg, izda t-Tribunal huwa sodisfatt li kemm mix-xhieda ta' James Bason kif ukoll mix-xhieda ta' Jonathan Bugeja w anki mill-fatt illi l-imsemmija Bason semma' l-vann a tempo vergine, li effettivament il-vann Transit hareg minfejn l-i*stop sign* li hemm fi Triq San Gorg.

Il-kawza prossima tal-kollizjoni kien il-fatt li l-vann Transit hareg ghall-gharrieda u kkawza emergenza subitanea lil James Bason li, biex jevita milli jidhol gol-vann kiser lejn ix-xellug u minflok, baqa' diehel gol-vetrina tal-hanut fuq imsemmi.

Jonathan Bugeja li kien qed isuq wara James Bason u li kien xhud estraneu ghall-incident qal illi kien hu stess li ha n-numru tal-vann u kien hu stess li ta n-numru lil James Bason u tah il-mobile tieghu biex jekk jinqala' xi haga jkun disponibbli. Huwa kkonferma li l-vann kien abjad u kien Transit antik u spicca biex jghid illi:

"Nghid ghaliex id-driver ta' quddiemi ghamel dik il-manuvra, jiena nghid li huwa ma kellux way ohra, kieku ghafas il-brake xorta kien jahbat, u biex jiskapulah kiser kif kiser u ma kellux mod iehor."

Huwa zied jghid li l-vann hareg ghall-gharrieda minn fuq l-i*stop sign* u baqa' sejjer 'il hemm ghalkemm id-driver li kien qed isuq il-vann ra l-habta, hares u baqa' sejjer.

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-kawza prossima ta' l-incident huwa s-sewqan imprudenti u negligenti tas-sewwieq tal-vann Transit. Mill-provi prodotti jirrizulta li dan il-vann

Transit huwa rregistrat fuq Joseph Delia.  L-oneru tal-provi dwar ir-responsabbilta' gie nvers fuq il-konvenut u l-kjamat in kawza u l-kjamat in kawza ma gab ebda prova kontrarjament ghal dak li nghad aktar 'il fuq u ghalhekk l-unika konkluzjoni li jista' jasal ghaliha t-Tribunal huwa li l-vann Transit kien qed jinstaq jew kien taht il-kontroll ta' l-imsemmi Joseph Delia li ghalhekk huwa unikament responsabbli ghall-incident.

Ghar-rigward tad-danni subiti dawn jinsabu debitament ikkorroborati mid-dokumenti esebiti w anki mir-ritratti li jinsabu a fol 15 sa 21 tal-process.  Fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2005, il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta d-danni u ghalhekk dawn jinsabu debitament pruvati.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-kjamat in kawza Joseph Delia unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannah ihallas lill-atturi l-ammont ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm823.75c) bl-interessi kif mitluba.  L-ispejjez kollha tal-kawza, kompriz dawk tal-konvenut, huma a karigu tal-kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------